



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2015
COM(2015) 53 final

2015/0032 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993 għal perjodu ta' tliet snin sal-31 ta' Diċembru 1995. Minn dak iż-żmien 'l hawn, huwa ġie estiż b'mod regolari għal perjodi oħra ta' sentejn. Il-Ftehim kien estiż l-aħħar f'Ġunju tal-2013 permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2015.

Huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Ftehim jiġi estiż għal darb'oħra għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn.

Dik l-estensjoni tal-Ftehim tfisser li se jittawwal iż-żmien li matulu l-UE tkompli tikkontribwixxi għall-baġit amministrattiv tal-Ftehim. Dik il-kontribuzzjoni hija inkluża fil-partita 05 06 01 tal-baġit tal-UE (imsejjaħ “Ftehimiet agrikoli internazzjonali”).

L-għan ta' din il-proposta hu li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kummissjoni tivvota, f'isem l-Unjoni, favur l-estensjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2017, fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.

¹ ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993 għal perjodu ta' tliet snin sal-31 ta' Diċembru 1995. Minn dak iż-żmien 'l hawn, huwa ġie estiż b'mod regolari għal perjodi oħra ta' sentejn. Huwa kien estiż l-aħħar f'Ġunju tal-2013 permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2015. Huwa fl-interess tal-Unjoni li dan il-Ftehim jerġa' jiġi estiż. Għalhekk, il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, għandha tiġi awtorizzata tivvota favur din l-estensjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor hija li l-Kummissjoni tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sentejn.

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata tesprimi dik il-pożizzjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

² ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		Fin Stat/14/ MK/aj/4692354	
		6.221.2015.1	
		DATA: is- 17 ta' Diċembru 2014	
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: Il-Kapitolu 05 06 - L-ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-"AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI" 05 06 01- Ftehimiet agrikoli internazzjonali		APPROPRIJAZZJONI IET: Fl-abbozz tal-baġit għall-2015: EUR 4 675 000
2.	TITLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992.		
3.	BAŻI LEGALI: L-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.		
4.	GĦANIJET: Li jiġi estiż il-Ftehim Internazzjonali eżistenti dwar iz-Zokkor b'sentejn oħra (mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017).		
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	FUQ PERJODU TA' 12-IL XAHAR (F'EUR)	GĦAS-SENA FINANZJARJA ATTWALI - L-2014 (F'EUR)
			GĦAS-SENA FINANZJARJA LI JMISS - L-2015 (F'EUR)
5.0.	INFIQ - MAĦRUĠ MILL-BAĠIT TAL-UE (GĦAR-RIFUŻJONIJIET/GĦALL- INTERVENTI) - MAĦRUĠ MILL-AWTORITAJIET NAZZJONALI - MAĦRUĠ MINN SORSI OĦRAJN		362 916 420 000
5.1.	DĦUL - MIR-RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (MILL-IMPOSTI/MID-DAZZI DOGANALI) - FIL-LIVELL NAZZJONALI		
5.0.1.	STIMA TAL-INFIQ	Fl-2016	Fl-2017
5.1.1.	STIMA TAD-DĦUL	510 000	529 000
5.2.	METODU TAL-KALKOLU: Abbażi ta' suppożizzjonijiet dwar l-istima tal-għadd ta' voti tal-UE (li jvarja kull sena) u dwar l-istima tal-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP.		
6.0.	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRIJAZZJONIJIET IMDAĦĦLIN FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE
6.1.	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL- KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE
6.2.	SE JKUN MEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLEMENTARI?		IVA LE
6.3.	SE JKUN MEĦTIEĠ LI JIDDAĦĦLU APPROPRIJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?		IVA LE

L-ammont li għandu jitħallas fir-realtà jista' jvarja skont l-għadd finali ta' voti li l-UE tingħata, skont l-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP u skont ir-rata tal-kambju tal-Euro mal-Lira Sterlina.